MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2008

Numru 1202/2007

**Cecil Pace**

**vs**

**1. Michele Martone**
**2. Massimiliano Martone**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrenti ssottometta:

1. Illi l-esponent huwa azzjonista tas-socjeta’ M.I.D.C. Limited li hija azzjonista tas-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited;

2. Illi hemm registrat bhala azzjonista tas-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited, Massimiliano Martone, b’disat eef, mitejn u tnax (9,212 -il ishma f’ismu, liema ishma gew trasferiti lilu minn missieru Michele Martone.

3. Illi skond l-Artiklu 6(1) ta’ l-Articles of Association tas-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited ‘No share may be transferred to non members unless it is first offered to the shareholders we shall have the right of first option in the proportion laid down in paragraph 7(2)’ (i.e. in the proportion of the number of shares held by them at their value.)

4. Illi jirrizulta illi kien gie registrat sehem wiehed (1) f’isem Michele Martone fis-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited b’mod irregolari u llegalment billi ma gewx segwiti l-Articles of Association, ghaliex is-sehem wiehed originali li Martone allegatament xtara minghand J.S. Zammit qatt ma gie offrut lill-azzjonisti l-ohra u c-cirkolari relattiva ma tezistix fir-records u dokumentazzjoni ufficjali tas-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited.

5. Illi peress illi s-sehem wiehed illi Michele Martone allegatament xtara minghand J.S. Zammt fis-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited gie trasferit u registrat b’mod irregolari, u kontra d-dispozizzjonijiet ta’ l-Artiklu 6(1) ta’ l-Articles of Association ta’ l-istess socjeta’, u bi ksur tal-Commercial Partnerships Ordinance, u ta’ l-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386), it-trasferiment ta’ disat elef, mitejn u hdax (9,211) -il ishma, li Michele Martone allagatament akkwista minghand Antonio Ghidoli u Nada delle Piane, huwa null u bla ebda effett legali.

6. Illi dan ifisser illi, t-trasferiment minn Michele Martone u r-registrazzjoni ta’ disat elef, mitejn u tnax (9,212) -il ishma, f’isem Massimiliano Martone fis- socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited, sar b’mod irregolari u llegali bi ksur ta’ l-Articles of Association ta’ l-istess

socjeta’ u kontra d-dispozizzjonijiet tal-ligi u ta’ l-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386).

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha premessi, jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-trasferiment u r-registrazzjoni tas-sehem wiehed (1) f’isem Michele Martone, li allegatament gie trasferiment lilu minn J.S. Zammit, huwa null u bla ebda effett legali.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-trasferiment u r-registrazzjoni ta’ l-allegat trasferiment, minghand Antonio Ghidoli u Nada delle Piane, ta’ disat elef, mitejn u hdax (9,211) -il ishma f’isem Michele Martone fis-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited, huwa null u bla ebda effett legali.

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-allegat trasferiment ta’ disat elef, mitejn u tnax (9,212) -il ishma, lil Massimiliano Martone minghand Michele Martone u r-registrazzjoni ta’ dawn l-ishma f’isem Massimiliano Martone fis-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited huwa null u minghajr ebda effett legali.

4. Tordna l-kancellament minnufih tat-trasferiment u tar-registrazzjoni ta’ disat elef, mitejn u tnax (9,212) -il ishma, f’isem Massimiliano Martone fis-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li jibqghu ngunti minn issa biex jidhru in subizzjoni.

Rat ir-**risposta ta’ l-intimati** a fol. 6 tal-process fejn esponew:

(i) Illi preliminarjament l-attur m’ghandux l-interess guridiku necessarju sabiex jippromwovi l-kawza odjerna.

(ii) Illi minghajr pregudizzju u preliminarjament ukoll, b’referenza ghat-talbiet tal-attur fir-rikors mahluf, il-mertu

identiku tal-istess diga' kien jifforma parti minn u gie deciz a favur tal-esponenti fil-kawza fl-ismijiet Herbert Baldacchino noe vs Cecil Pace et noe (Cit Nru 1707/1993) u dan wara li s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla fil-31 t'Ottubru 1997 li giet konfermata f'sede t'appell mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri fil-25 ta' Frar 2000 u regghet giet konfermata fir-ritrattazzjoni fi stadju tal-appell fit-22 t'April 2004, liema sentenza llum ghaddiet in gudikat a favur tal-esponenti;

(iii) Illi ghaldaqstant l-azzjoni kif proposta hija biss abbuz tas-sistema legali ghaliex hija ntiza sabiex terga' tiftah proceduri dwar materja li llum ghaddiet in gudikat;

(iv) Illi l-azzjoni kif proposta hija wkoll inammissibbli stante li ghandha effett li tiddistruggi jew tirrestringi l-effett tal-gudikat tas-sentenzi surriferiti;

(v) Illi fi qualsiasi kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda fl-interezza taghhom;

(vi) Illi b'referenza ghall-Artiklu 3 tar-rikors guramentat, l-Artiklu 6(1) tal-Article of Association tas-socjeta' Malta & Europe Hotels Limited jistipula ulterjorment illi ' shares may be freely transferred 'intervivos' to the descendants of shareholders' u ghalhekk in kwantu m'hemm ebda restrizzjoni ta' formalita' jew procedura, t-trasferiment ta' disat elef, mitejn u tnax-il sehem mill-Avukat Michele Martone lil ibnu Massimiliano Martone hija regolari u legali.

(vii) Illi b'referenza ghar-raba' paragrafu tar-rikors mahluf u kuntrarjament ghal dak allegat, l-Avukat Michele Martone akkwista validament u b'mod regolari azzjoni wahda minghand J Zammit, liema akkwist gie accettat u registrat mis-socjeta' Malta & Europe Hotels Limited;

(viii) Illi jsegwi ghalhekk u b'referenza ghall-hames paragrafu tar-rikors mahluf, it-trasferiment li sar lill-Avukat Martone minn Antonio Ghidoli u Nada delle Piane huwa regolari u validu, liema trasferiment u akkwist gie wkoll

accettat u registrat mis-socjeta' Malta & Europe Hotels Limited;

(ix) Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat l-affidavits ezibiti;
Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' l-intimati dwar in-nuqqas ta' interess guridiku u r-res judicata.

**FATTI**

Illi dina l-kawza tittratta dwar l-ishma proprejta' ta' Michele Martone fis-socjeta Malta & Europe Hotels Limited li sussegwentement gew trasferiti fuq Massimiliano Martone. Fin 1974 Michele Martone sar shareholder tas-socjeta Malta & Europe Hotels Limited billi akkwista share minghand J.Zammit. Minn dak il-mument, il-ftehim li Michele Martone kellu ma' Ghidoli u delle Piane biex jakkwista l-ishma li dawn kellhom fil-Malta & Europe Hotels Limited seta' jsehh. Fuq talba ta' Michele Martone, l-Kontrollur irregistra lil Michele Martone bhala titolari ta' dawn l-ishma akkwistati minghand Ghidoli u delle Piane. Sussegwentement Michele Martone ghadda dawn l-ishma fuq ibnu Massimo Martone. (ara fatti kif elenkati fic-Citaz:1707/93).

**TALBIET**

F'dina l-kawza r-rikorrent qed jitlob li dina l-Qorti

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-trasferiment u r-registrazzjoni tas-sehem wiehed (1) f'isem Michele Martone, li allegatament gie trasferiment lilu minn J.S. Zammit, huwa null u bla ebda effett legali.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-trasferiment u r-registrazzjoni ta’ l-allegat trasferiment, minghand Antonio Ghidoli u Nada delle Piane, ta’ disat elef, mitejn u hdax (9,211) -il ishma f’isem Michele Martone fis-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited, huwa null u bla ebda effett legali.

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-allegat trasferiment ta’ disat elef, mitejn u tnax (9,212) -il ishma, lil Massimiliano Martone minghand Michele Martone u r-registrazzjoni ta’ dawn l-ishma f’isem Massimiliano Martone fis-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited huwa null u minghajr ebda effett legali.

4. Tordna l-kancellament minnufih tat-trasferiment u tar-registrazzjoni ta’ disat elef, mitejn u tnax (9,212) -il ishma, f’isem Massimiliano Martone fis-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited.

**Eccezzjonijiet**

L-intimati ecceppew li preliminarijament li

(i) Ir-rikorrent m’ghandux l-interess guridiku necessarju sabiex jippromwovi l-kawza odjerna u (ii) b’referenza ghat-talbiet tar-rikorrent, il-mertu hu identiku ghal dak deciz fil-kawza fl-ismijiet Herbert Baldacchino noe vs Cecil Pace et noe (Cit Nru 1707/1993) deciza mill- Prim Awla fil-31 t’Ottubru 1997 li giet konfermata f’sede t’appell fil-25 ta’ Frar 2000 u regghet giet konfermata fir-ritrattazzjoni fit-22 t’April 2004, liema sentenza llum ghaddiet in gudikat.

**Kontestazzjoni**

<u>Dwar nuqqas ta’ interess guridiku</u>

L-intimati qed jikkontendi li r-rikorrent m'ghandux **interess guridiku** li jerga' jipproponi dina l-kawza

- billi r-rikorrent mhux azzjonist fil M.I.D.C u fil Malta & Europe Hotels Limited;
- li, anke kieku kien, l-ishma kienu jkunu ta' M.I.D.C u mhux tar-rikorrent personalment;
- semai, ir-rikorrent messu agixxa kontra l-istralcjarju jekk hass li dan ma mexiex kif suppost;

<u>Dwar l-eccezzjoni tar-res judicata</u>

L-intimati jsostnu li diga' kien hemm decizjoni finali bejn l-istess partijiet fuq l-istess mertu u l-Qorti ddikjarat li l-ishma huma proprejta' ta' Massimiliano Martone.

**Konsiderazzjonijiet**

Ir-rikorrent issottometta fin-nota tieghu (a fol 169 u fit-trattazzjoni orali) li hu agixxa b'dina l-kawza bhala azzjonista fis-socjeta M.I.D.C billi ghandu interess u d-dritt li jagixxi sabiex f'sitwazzjoni eccezzjonali bhal din, is-socjeta' ma tbatiex pregudizzju u biex dak l-interess jigi salvagwardat, dana kif gie ndikat ukoll fis-sentenza Citaz 145/89 Pace vs Bonello Appell 31/7/1996. Ir-rikorrent ighid li hu ghandu interess li t-trasferiment u registrazzjoni ta' dawn l-ishma jigu kancellati la darba ma gewx segwiti l-proceduri rekwiziti skond l-istatut u l-Articles of Association biex isir it-trasferiment ta' sehem wiehed lil Michele Martone min J.Zammit.

L-intimati ssottomettew li r-rikorrent m'ghandux interess guridiku billi minn imkien ma jirrizulta li hu azzjonist fil-M.I.D.C. jew li l-M.I.D.C. hija azzjonista tal-Malta & Europe Hotels Limited, anzi jirrizulta l-kuntrarju cjoe li l-allegat trasferiment ta' zewg azzjonijiet maghmul minn Anthony Borg favur MIDC qatt ma gie approvat jew registrat u l-MIDC qatt ma akkwistat ishma fil-Malta & Europe Hotels Limited.

Din il-Qorti ezaminat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell u dika tar-ritrattazzjoni u n-vista ta' dak li jinghad fis-sentenza tal 22 ta' April 1993 Citaz 1707/93 dwar dana l-punt, (ara fol 5 tas-sentenza) din il-Qorti ser tehodha li r-rikorrent hu azzjonist fis-socjeta' M.I.D.C. u li hu b'dina l-azzjoni qed jezercita dik li tissejjah "a derivative action" biex jissalvagwarda l-interessi tas-socjeta'.

Kif jispjega **Professor Andrew Muscat** fil-ktieb tieghu **Principles of Maltese Company Law,** taht il-common law Ingliza:

*"The derivative action is an action brought by a shareholder in respect of a wrong done to the company where the wrongdoers are in control and prevent the company itself from suing. The benefit of the action would accrue not to the benefit of the shareholder instituting the action but to the company. To succeed in a derivative action, the minority shareholder must prove (i) fraud on the minority, and (ii) wrongdoer control which prevents the company itself bringing the action in its own name. The derivative action is accordingly available where the company itself has been wronged and the directors or the majority shareholders who control the composition of the board fail to take the necessary action to institute the necessary legal proceedings to remedy the wrong suffered by the company.*

*The derivative action is therefore an exception to the rule in **Foss vs Harbottle** that in respect of a wrong alleged to be done to a company the company itself is the proper plaintiff."*[1]

L-Att dwar il-Kumpaniji ta' l-1995 introduca rimedju statutorju – l-Artikolu 402 biex jipprotegi lill-azzjonisti minn agir oppressiv u diskriminatorju, u/jew agir allegatament illegali fil-konfront tal-kumpanija mill-persuni li jkunu fil-kontroll tal-kumpanija.

[1] (2007) pag. 890-891

**Andrew Muscat** ikompli jghid li:

*"It should also be noted that article 402(3)(e) of the Companies Act contemplates a statutory form of derivative action. The court is in fact empowered by the provisions to authorize "a member or members of the company to institute, defend, continue or discontinue court proceedings in the name and on behalf of the company." The disadvantage is that a member would have to institute two actions: one* ***to obtain authorization*** *and then the one* ***in the name and on behalf of the company."***

Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza M**izzi et vs Dr. Grech et deciza fid- 29 ta' April 2008** rriteniet l-Artikolu 402(3)(e) ta' l-Att dwar il-Kumpaniji huwa l-verzjoni Maltija ta' l-azzjoni derivattiva u ladarba llum il-gurnata l-legislatur Malti irregola b'mod statutorju l-azzjoni derivattiva, huma d-disposizzjonijiet tal-ligi Maltija rilevanti li ghandhom jigu applikati. L-Artikolu 402(1) jipprovdi li rrimedji kontemplati fl-Artikolu 402(3) – li jinkludi anki l-versjoni Maltija ta' l-azzjoni derivattiva – jistghu jigu ezercitati biss minn kull membru tal-kumpanija.

Dan ifisser li r-rikorrent odjern bhala azzjonist fil-kumpanija M.I.D.C. kien jigi awtorizzat jagixxi f'ismu proprju u ghan nom tal-kumpanija kieku huwa ottjena l-awtorizzazzjoni biex jaghmel hekk. Izda hu m'ghamilx hekk. L-allegat agir illegali li qed jilmenta minnu r-rikorrent f'dina l-kawza huwa wiehed azzjonabbli biss abbazi ta' dak l-istess artikolu u ghalhekk dawn il-proceduri setghu biss jigu ntavolati permezz ta' rikors kif jitlob dak l-istess artikolu b'mod tassattiv.

Lanqas ma jista' r-rikorrent ighid li dina l-kawza kienet biss wahda dikjaratorja intiza biex tigi segwita bil-kawza proprja, billi kif inhu redatt ir-rikors promutur proprjament dan mhux wiehed ghal semplici dikjarazzjoni imma hemm talba biex il-Qorti tordna l-kancellament minnufih tat-trasferiment u tar-registrazzjoni ta' disat elef, mitejn u tnax (9,212) -il ishma, f'isem Massimiliano Martone fis-socjeta' Malta & Europe Hotels Limited.

Inoltre l-Qorti tirrileva li f'dina l-kawza r-rikorrent lanqas biss dahhal bhala parti fil-kawza lill-kumpanija jew il-Kontrollur biex jirrapprezentaha. Il-Qrati taghna kemm il-darba wrew dubbju dwar kemm azzjonist jista' jagixxi kontra azzjonist biss minghajr ma jdahhal fil-kawza lill kumpanija specjalment meta, bhal f'dan il-kaz, ir-rikorrent qed jitlob il-kancellament tat-trasferiment u registrazzjoni ta' l-ishma fis-socjeta' Malta & Europe Hotels Limited li mhiex parti in kawza. (ara Appell. M.Bonello Cole vs Kenneth Cole 5/10/2001).

Ghalhekk f'dan is-sens ir-rikorrent m'ghandux interess li jipproponi dina l-kawza. Il-Qorti setghet tieqaf hawn, izda ghal kull buon fini ser tezamina u tiddeciedi wkoll it-tieni eccezzjoni sollevata mill-intimati dwar ir-res judicata.

**Res judicata**

Ili "l'eccezione di regiudicata si deve ammettere con molta circospezione, tanto piu' quando trattasi di escludere un diritto" (Coen, Cosa Giudicate (materia civile) no. 145)

"L-exceptio judicati ghandha bhala fundament taghha l-interess pubbliku u hija ta' interpretazzjoni strettissima, u f'kaz ta' dubju, il-gjudikant ghandu jaqta' kontra din l-eccezzjoni" (Vol. XXIX P.I, p.1155).

Biex tirnexxi l-eccezzjoni tar-res judicata huma mehtiega tliet elementi: (1) eadem persona ( l-istess partijiet) (2) eadem res (l-istess oggett) u (3) eadem causa petendenti (l-istess kawzali). (Ara sentenza App. Debattista vs Farrugia Vol XL11 p 917).

Ir-rikorrent jissottometti li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghar-res judicata huma neqsin meta wiehed jaghmel confront bejn din il-kawza u s-sentenza 1707/93 Baldacchino vs Pace.

<u>(1) eadem persona ( l-istess partijiet)</u>

Ir-rikorrent issottometta illi l-partijiet fiz-zewg kawzi mhumiex l-istess, u Michele  Martone ma kienx parti fil-kawza 1707/93.

Illi fil-kawza 1707/73 il-partijiet kienu **Herbert Baldacchino**, bhala mandatarju ta' l-assenti **Massimiliano Martone**, li fittex lill **Cecil Pace u Henry Pace** f'isimhom proprju u lill Cecil Pace bhala direttur u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' M.I.D.C. Ltd. u ghall-interess li jista' jkollu, **Emmanuel E. Bonello** bhala Kontrollur tas-socjeta' Malta & Europe Hotels Ltd. in rappresentanza ta' l-istess.

Illi f'dik l-kawza, mill ezami tad-decizjoni moghtija, jirrizulta li l-vertenza kienet bejn l-istess persuni cjoe Massimilano Martone u Cecil Pace. Il-partijiet l-ohra ddahhlu fil-kawza ghall-kompletezza u integrita' tal-gudizzju. Michele ma kienx parti fil-kawza  Citaz. Nru. 1707/93 billi f'dak il-zmien l-ishma kienu registrati fuq Massimiliano. Il-fatt li 'ssa fil-kawza odjerna r-rikorrent dahhal ukoll lill Michele Martone ma jaghmilx din il-kawza wahda bejn persuni differenti, aktar u aktar meta se jirrizulta li l-oggett hu l-istess kif ukoll il-kawza petendi.

Skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, "Il-promoturi ta' l-istess procedura (ma setghux) jipproponu mill-gdid kawza identika bl-inseriment ta' persuna li l-presenza taghha ma kinietx verament necessarja mill-aspett legali". ( I.Trapani Galea Feriol et vs J..Agius et  App. 2.7.1996).

<u>(2) eadem res (l-istess oggett)</u>

Ir-rikorrent isostni li t-talbiet u kwindi l-mertu taz-zewg kawzi huwa differenti.

F'dina l-kawza r-rikorrent qed jitlob li jigu dikjarati nulli

- t-trasferiment u r-registrazzjoni tas-sehem wiehed f'isem Michele Martone, li allegatament gie trasferiment lilu minn J.S. Zammit,

- t-trasferiment u r-registrazzjoni minghand Antonio Ghidoli u Nada delle Piane, ta’ 9,211 ishma f’isem Michele Martone fis-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited,

- t-trasferiment ta’ 9,212 ishma minn Michele Martone lil Massimiliano Martone u r-registrazzjoni taghhom fis-socjeta’ Malta & Europe Hotels Limited.

- l-kancellament ta’ dawn it-trasferiment u r-registrazzjoni .

Fil-kawza Citaz 1707/93 Baldacchino vs Pace, Massimilano Martone kien talab li:

- Il-Qorti tiddkjara hu l-uniku azzjonista proprjetarju tal-azzjonijiet fis-socjeta’ Malta & Europe Hotels Ltd.

- Li kull pretensjoni tal-konvenuti Pace rigwardanti l-proprjeta’ ta’ dawn l-azzjonijet tigi dikjarata infondata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Huwa veru li biex jista’ jigi nvokat il-gudikat hemm bzonn ta’ l-identita’ ta’ l-oggett, imma din l-identita’ ma hemmx bzonn li tkun assoluta basta jkun hemm l-identita’ fuq il-punt kontrovers jew l-oggett tat-tieni citazzjoni jidhol bhala parti integrali ta’ l-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni. (Abela vs Fenech Vol 32 p 2 p 244).

Hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anki meta l-mertu tal-kawza ghalkemm distint minn dak ta’ qabel, jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess. (Borg vs Farrugia Vol 36 p1 p 75).

Dwar l-identita’ tal-haga mitluba, bhala wiehed mir-rekwiziti tal-gudikat, hu ammess li mhux necessarju illi l-identita’ tkun assoluta u materjali, imma tibbasta l-identita’ guridika…. cjoe jekk jekk il-kwistjoni sollevata fit-tieni citazzjoni gietx deciza jew le fil-gudikat precedenti jew

jekk dik is-sentenza hallitx dak il-punt impregudikat. (Darmanin vs Micallef Vol 37 p 3 p 900).

Fil-kaz in ezami s-sentenzi moghtija fil-kawza Citaz 1707/93 kollha kkonfermaw illi t-titolu ta' l-ishma kien ta' Massimilano Martone u mhux ta' Cecil Pace u kull pretenzjoni ta' Pace rigwardanti l-proprejta' ta' dawn l-ishma kienet nfondata ghall finijiet u effetti kollha tal-ligi. Fil-kawza odjerna l-premessi u t-talbiet tar-rikorrent huma rigward l-istess ishma fis-socjeta' Malta & Europe Hotels Ltd. Dawn il-pretensjonijiet tar-rikorrent f'dan ir-rigward diga gew dikjarati nfondati fis-sentenza tat 25 ta' Frar 2000. Il-punt kontrovers ghalhekk huwa l-istess kif ukoll l-oggett tal-kawza odjern jidhol bhala parti integrali ta' l-oggett fl-ewwel citazzjoni Citaz: 1707/93.

<u>3) eadem causa petendenti (l-istess kawzali).</u>

Ir-rikorrent jissottometti li l-kawzali taz-zewg kawza huma differenti. Hu jghid li fil-kawza Citaz 1707/93 il-premessi kienu bbazati fuq ir-registrazzjoni ta' l-ishma f'isem Massimiliano Martone u xejn aktar, u l-procedura rregolari u illegali li biha saru t-trasferimenti u registrazzjoni ta' sehem wiehed minn J.S. Zammit lil Michele Martone ma giex mgharbel.

Ir-rikorrent jikkontendi li l-Qorti fil-kawza 1707/93 kienet ikkoncernat ruhha biss dwar it-trasferiment ta' l-ishma minn Michele Martone lil ibnu Massimiliano liema kawza giet ristretta u deciza fuq il-punt legali biss dwar il-fatt li la darba Massimiliano Martone xtara l-ishma minghand Michele Martone, u dan it-trasferiment gie registrat, allura dawn jappartjenu lill Massimiliano minghajr ma l-Qorti ndagat il-mod kif Michele Martone akkwista l-ishma.

Fil-fatt l-indagini li kienet ghamlet l-ewwel Qorti u l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza 1707/93 ma kienx hekk ristretta kif qed isemmi r-rikorrent. Anzi dik il-Qorti kienet ezaminat kif saru d-diversi trasferimenti, senjatament dawk bejn Zammit u Pace, bejn Ghidoli u delle Piane u Michele Martone u bejn Michele Martone u ibnu Massimilaino u l-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-ishma kienu ta'

Massimilano Martone u l-pretensjoni ta’ Pace kienet infondata.

Illi minn ezami tas-sentenzi ezibiti jirrizulta li l-ilment tar-rikorrent fil-kawza odjerna kien gja gie trattat fit-tul fil-konsiderazzjoni tat-talbiet u eccezzjonijiet tal-kawza 1707/93. Dik il-Qorti ddecidiet li t-trasferiment u r-registrazzjoni tal-ishma f’isem Michele Martone kien wiehed regolari wara li ezaminat l-istatut tal-kumpanija. Dik il-Qorti ezaminat ukoll t-trasferiment l-ohra u sabet li kienu regolari. Fil-kawza odjerna r-rikorrent qed jerga jipprova jattakka dawn it-trasferimenti, liema pretenzjoni tar-rikorrent pero’ giet diga skartata fis-sentenza li ‘ssa ghaddiet in gudikat.

Ir-rikorrent jaghmel emfasi wkoll fuq il-fatt li l-Qorti fil-kawza 1707/93 kienet ghamlet riserva ghad-dritt ta’ rivalsa a favur tar-rikorrent.

Fil-fatt l-Qorti ta’ l-Appell kienet ghamlet riserva lill-kontendenti ta’ kull dritt ta’ azzjoni li tista’ tkun ghada lilhom kompetenti fir-rigward ta’ l-allegazzjonijiet reciproci li jattakkaw il-validita’ tan-negozji kontrattati minhabba kawzalijiet mhux determinati b’din is-sentenza. Il-Qorti kienet spjegat li

“*Jerga’ jigi ribadit illi dan kollu ma jfissirx illi l-appellanti proprio et nomine ma kellhomx id-dritt illi jattakkaw l-operat tal-Kontrollur meta fil-fehma taghhom dan ippregudikahom meta hu ghazel li japprova it-trasferiment favur l-appellat u awtorizza r-registrazzjoni ta’ tali trasferiment mil-lista tas-socji. Kif lanqas jippreskludi lill-istess appellanti proprio et nomine li jikkontestaw xi agir ta’ l-appellat, li, fil-fehma taghhom, kien jikkostitwixxi vjolazzjoni ta’ l-obbligi professjonali tieghu, jew agir kriminuz kif minnhom allegat li seta’ jippregudikalhom l-possibilita’ illi huma jakkwistaw l-ishma li fuqhom kellhom akkordju minn dejjem skond l-iter obbligat u stabbilit fl-Articles of Association. Dan kollu jibqa’ impregudikat u mhux eskluz illi jaqa’ fit-termini ta’ l-azzjoni l-ohra illi l-appellanti proprio et nomine ghazlu li jaghmlu kontra l-Kontrollur. Azzjoni li stranament huma dehrilhom li fiha*

*ma kellhom bl-ebda mod jinvolvu lill-appellat, tant li bhala fatt, it-talbiet taghhom f'dik l-azzjoni ma kienux indirizzati lejh".*

Fil-kawza odjerna invece r-rikorrent minflok agixxa kif indikat fis-sentenza, hu rega' rega ppropona kawzalijiet li kienu gja determinati fis-sentenza imsemmija Citaz 1707/93. Ghalhekk l-eccezzjoni tar-res judicata ghandha tigi milqugha.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi prevja li tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari ta' l-intimati;
Tichad it-talbiet tar-rikorrent
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------